Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2003

Ċitazzjoni Numru. 1130/2002

**Cit Nru: 1130/02 JA**

**Lombard Bank Malta p.l.c.**

**-vs-**

**Almeco Limited bhala debitur principali u John u Ludgarda sive Riccarda konjugi Borg, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg u Silvio u Patricia konjugi Borg ilkoll garanti solidali.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-11 t' Ottubru, 2002 li bih l-bank attur ippremetta:

Illi l-Bank attur permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-Nutar Marco Farrugia li jgib id-ata wiehed u ghoxrin (21) ta’ April, elf disa mija tmienja u disghin (1998) li kopja legali tieghu hija hawn annessa u mmarkata Dok “A” ikkonceda lis-socjeta’ konvenuta Almeco Limited facilita’ ta’ overdraft u in forza ta’ din il-facilita l-imsemmija socjeta’ sselfet flus minghand il-Bank attur u ghandha debitu bilancjali komplessiv favu l-istess Bank atur ta’ erbgha u tletin elf, seba’ mija u erbatax-il liri Maltin hamsa u disghin centezmi (LM34,714.95) skond “statement” hawn anness u mmarkat Dok “B” bl-interessi kkalkoltai sal-hamsa u ghoxrin (25) ta’ Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta’ Settembru tas-senta elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv, u ggaraniet l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq hwejjigha kollha prezenti u futuri u l-konvenuti John Mary u Ludgarda sive Riccarda konjugi Borg ggarantew b’ mod solidali l-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu permezz ta’ ipoteka generali fuq il-hwejjeg kollha taghhom prezenti u futuri kif (sic) jkoll ipoteka specjali fuq appartament f’ Tas-Sliema skond kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratt;

Illi permezz ta’ skrittura privata li l-original taghha hija hawn annessa u mmarkata Dok “C” il-konvenuti John Mary u Ludgarda sive Riccarda konjugi Borg, Charles u Margaret konjugi Borg, Raymond u Rita konjugi Borg u Silvio u Patricia konjugi Borg igarnatixxew solidalment mas-socjeta’ konvenuta l-hlas lura ta’ dan id-debitu sa l-ammont ta’ hamsin elf liri Maltin (Lm50,000) skond kif hemm ahjar deskritt;

U illi ghalkemm interpellati sabiex ihallsu dan id-debitu anke ufficjalment, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Ghalhekk talab lil din l-Onorabbli Qorti ghalhiex m' ghandhiex:

1. jigu kollha solidalment ikkundannati sabiex ihallsu lil Bank attur is-somma ta' erbgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il liri Maltin hamsa u disghin centezmi (LM34,714.95) skond "statement" hawn anness u mmarkat Dok "B" bl-interessi kkalkoltai sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-senta elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kollha inkluz il-VAT fuq id-drittijiet professjonali kif ukoll dawk ta' l-ittra ufficjali li ggib id-data tat-12 ta' Novembru, 2001 u bl-imghaxijiet legali mis-26 ta' Settembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenut li d-diretturi taghha minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom, u kontra l-konvenuti l-ohra kollha li huma wkoll minn issa ngunti ghas-subizzjoni taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-bank attur mahlufa minn Alexander Cutajar fil-11 t' Ottubru, 2002 u l-lista tax-xhieda.

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lill-konvenuti kollha li naqsu li jipprezentaw n-noti ta' l-eccezzjonijiet taghhom u hekk baqghu kontumaci.

Semghet ix-xhieda tal-Bank attur.

Semghet lill-Avukat tal-Bank attur.

Ezaminat l-atti tal-kawza.

**Fil-kontumacja tal-konvenuti tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici kif dedotta fl-att tac-citazzjoni u tikkundanna lill-konvenuti kollha solidalment ihallsu lil Bank attur is-somma ta' erbgha u tletin elf, seba' mija u erbatax-il liri Maltin hamsa u disghin centezmi (LM34,714.95) bl-interessi kkalkoltai sal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Settembru tas-sena elfejn u tnejn (2002) oltre l-imghaxijiet ulterjuri mis-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru tas-senta elfejn u tnejn (2002) sad-data tal-pagament effettiv, inkluz l-ispejjez tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------